MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1394/2005

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Buttigieg Justine**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Gunju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hames liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm205.25), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract number 2289 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Frar 2004 u Awissu 2004.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali, dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment mal-avviz, dawk ta' l-ittra ufficjali lill-banek relativa ghall-imsemmi mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-12 ta' Dicembru, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u hames liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm205.25), bl-imghax legali mit-12 ta' Dicembru, 2005 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, dawk ta' ittra ufficjali lill-banek relativa ghall-imsemmi mandat, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------